# TAQSIM IX-XOGĦOL

# U L-MIXI EKONOMKU

Mitt sena ilu l-kotra kienet għal xi tliet darbiet ifqar milli hi llum. Kif stagħniet id-dinja?— Stagħniet id-dinja billi issa dak li jagħti għoġba, dak li jmur għal ġidna, dak kollu ta' ħtieġa għal ħajjitna nistgħu nġibuh b'inqas ħidma, b'anqas ħala ta' saħħa u żmien : nisel kollu ta' żjeda fil-ħila industrjali. Tweġiba aħjar, għax aktar tmiss l-għerq, hi li stagħnejna għax il-bniedem mexa 'l quddiem f'dak li hu tqassim tax-xogħol, mħaffef bil-miġja ta' l-għerf tekniku u riqma fil-ħidma.

Niġu ngħożżu dan it-taqsim mita nagħtu daqqa ta' għajn lejn ħaddiem taż-Żmien Fustani. Xogħlu ma' tul is-sena kien tabilħaqq mħallat, għax kellu jaħseb sa l-anqas ħaġa. U għalhekk għalkemm kien jaf ħafna ħwejjeġ ma kien jaf xejn sewwa, u mhux darba biss kellu jgħaddi mingħajr dak li għalkemm ta' ħtieġa ma setâx jagħmel jew jikseb minn ġartu.

La kienet din ir-riqma merfugħa għaż-żmienijiet tan-nofs biss. Tnikkret fir-Russja sas-seklu għoxrin. Iżda xejn ma kienet timxi sewwa, għax kemm kien jista' jsir jaf raħħal fuq it-torbija tal-bhejjem, mita kien hekk midhi bi bżonnijiet oħra? Kif seta' jsir nissieġ meħjiel jekk hu kien jinseġ biss għal ta' daru ? Imma ma' kull żjieda fit-taqsim tax-xogħol il-ħeffa kibret u hekk iżjed seta' jinħadem ma' tul żmien wieħed u ma' l-istess tqanżiħa. Mita l-ħaddiem tâ ruħu għall-għażil biss jew għall-insiġ biss, mita l-bidwi tah għall-qmuħ, jew għall-bhejjem jew għas-suf biss, infetħet it-triq għaż-żjieda fit-tagħmil. Għax it-taqsim u r-reġġħa jħaffu x-xogħol.

Iż-żjieda fil-ħila ta' l-iwħud, kienet l-ewwel nisel ta' dak il-ħsieb li trabba fil-bniedem tat-taqsim fix-xogħol.—Hemm Bidu fil-bniedem li jressqu lejn it-Tajjeb sew tal-ġisem kemm ukoll tar-ruħ. Dan il-Bidu kien li nebbaħ l-ewwel darba f'moħħna l-idija kif nistgħu nżidu ħiltna billi naqsmu x-xogħol

bejnietna, kullħadd jieħu dik il-biċċa li tgħodd għalih l-iktar. Iżda, kif għidna, ma waqafniex fit-taqsim. Ġraw żewġ ħwejjeġ oħra. L-ewwel, it-taqsim tax-xogħlijiet ġieb miegħu d-dħul tal-makni u ta' rqim ġdid.

Għax la darba t-tiswir ta' oġġett huwa mxerred f'għadd ta' biċċiet ta' xogħol żgħar u mħeffin, id-dħul tal-makni jiġi minnu. Jekk fl-industrja taż-żraben it-taqsim wasal sa' dik l-irquqija li għadd ta' ħaddiema ma jagħmlu xejn ħlief jaqtgħu t-tkaken, id-dħul ta' makna għal qtigħ ta' tkaken jidher ta' qligħ lil min ixiegħel. Il-makni mill-banda tagħhom iġibu magħhom rqim ġdid, u tħaddim ta' setgħa li kull ma jmur jikber. Hekk it-tikxif tas-Seklu tmintax fetaħ it-triq lil żjieda fit-tħittxija tal-ħadid. Għalhekk taqliba kbira fl-industrja tal-ħadid u hekk wasal il-forn ta' l-azzar. Dan it-tikxif qajjem ħtieġa kbira ta' setgħa, li ġiegħel Watt u dawk li ġew wrajh jagħmlu tagħhom u jħaddmu s-setgħa tal-fwar.

It-tieni, it-taqsim jiġbor kull industrja f'xi nħawi wieħed Dana nafuh lil dak li l-pajjiżi jintgħażlu wieħed minn l-ieħor f'dak li hu ħabta għax-xogħol. Xi bnadi ta' Franza jistgħu jingħataw għall-ħdim ta' l-inbid, għax, jikber hemm l-għeneb. L-Ingliterra, il-Ġermanja u l-Amerka tajbin għall-industrji tista' tgħid kollha għax għandhom roħs fl-egħjun ta' setgħa u għax jistgħu mingħajr tweghir jiksbu materjal u jistgħu malajr imorru għas-swieq tagħhom.

Hekk naraw kif il-ħsieb tat-taqsim fix-xogħol qalleb irriqma ekonomka, mexxieha 'l quddiem, u għanna għax ħaffef il-ħedma u raħħas hekk dak kollu li sar biċċa mill-ħtieġa ta' ħajjitna.

Fred Amato Gauci.

4-8-36.